



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/2032(INI)

13.4.2011

EMENDI

1 - 30

Abbozz ta' opinjoni
Alf Svensson
(PE860471v01-00)

Il-politiki esterni tal-UE favur id-demokratizzazzjoni
(2011/2032(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Emma McClarkin, Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jenfasizza li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma **kunċetti** interdipendenti **billi jirrikonoxxi** l-elezzjonijiet ħielsa **bħala** element meħtieġ, iżda mhux biżżejjed, għal konsolidazzjoni demokratika,

Emenda

1. Jenfasizza li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma interdipendenti; **jargumenta li** l-elezzjonijiet ħielsa **u ġusti huma** element meħtieġ, iżda mhux biżżejjed, għal konsolidazzjoni demokratika,

Or. en

Emenda 2
Gabriele Zimmer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jenfasizza li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma kunċetti interdipendenti billi jirrikonoxxi l-elezzjonijiet ħielsa bħala element meħtieġ, iżda mhux biżżejjed, għal konsolidazzjoni demokratika,

Emenda

1. Jenfasizza li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma kunċetti interdipendenti billi jirrikonoxxi l-elezzjonijiet ħielsa, **ugwali u sigrieti** bħala element meħtieġ, iżda mhux biżżejjed, għal konsolidazzjoni demokratika,

Or. en

Emenda 3
Enrique Guerrero Salom

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Iqis, madankollu, li l-ġlieda kontra l-faqar u t-tneħħija tal-ostakoli għall-

*iżvilupp tal-pajjiżi tista' tagħti kontribut
deċiżiv lill-proċessi demokratiċi,*

Or. es

Emenda 4
Emma McClarkin, Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jenfasizza li d-demokrazija bħala sistema ta' ggvernar tipprovdi mekkaniżmi għall-allokkazzjoni tal-poter politiku lu l-immaniġġjar tal-kunflitti, li huma essenzjali għal soċjetajiet stabbli u paċifiċi; jinnota, madankollu, li d-demokrazija trid tinholq lokalment u m'għandhiex tkun imposta b'mod artifiċjali minn aġenti barranin; jargumenta li l-UE, flimkien mal-komunità internazzjonali, jista' jkollha rwol attiv ta' appoġġ għall-proċess ta' konsolidazzjoni demokratika,

Or. en

Emenda 5
Judith Sargentini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Hu tal-fehma li biex l-elezzjonijiet jitqiesu demokratiċi, ħielsa u ġusti, ċerti kundizzjonijiet jridu jiġu ssodisfati minn qabel: ir-rispett lejn id-drittijiet politiċi u ċiviċi, ir-rispett lejn il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, aċċess indaqs għall-midja u r-rispett lejn il-

*pluraliżmu politiku biex l-eletturi
jinghamaw għażla reali,*

Or. en

Emenda 6
Judith Sargentini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1b. Hu tal-fehma li l-elezzjonijiet huma meħtieġa, iżda mhux biżżejjed biex jinpolqu l-kundizzjonijiet għal proċess tad-demokratizzazzjoni, li huwa usa' mill-organizzar tal-elezzjonijiet; iqis li biex id-demokratizzazzjoni tkun suċċess, hu kruċjali l-involviment mal-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' pajjiż biex jitwettqu d-drittijiet bażiċi tal-popolazzjonijiet, bħall-educazzjoni, is-saħħa u l-impjegi,

Or. en

Emenda 7
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2. Jinnota li l-ghajjnuna Ewropea mgħoddija bħala appoġġ baġitarju lil stati awtoritarji ma tiggarrantixxix żvilupp demokratiku,

imħassar

Or. fr

Emenda 8
Nirj Deva

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jinnota li l-ghajjnuna Ewropea mgħoddija bħala appoġġ baġitarju lil stati awtoritarji ma tiggerantixxix żvilupp demokratiku,

Emenda

2. Jinnota li l-ghajjnuna Ewropea mgħoddija bħala appoġġ baġitarju lil stati awtoritarji ma tiggerantixxix żvilupp demokratiku ***u li huma l-outputs tal-ghajjnuna aktar milli l-inputs li għandhom ikunu ffukati fuq il-valutazzjoni tagħna tal-effikaċja tal-ghajjnuna,***

Or. en

Emenda 9
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jinnota li l-ghajjnuna Ewropea mgħoddija bħala appoġġ baġitarju lil stati awtoritarji ***ma tiggerantixxix*** żvilupp demokratiku,

Emenda

2. Jinnota li l-ghajjnuna Ewropea mgħoddija bħala appoġġ baġitarju lil stati awtoritarji ***mhux dejjem jiggerantixxu*** żvilupp demokratiku,

Or. en

Emenda 10
Enrique Guerrero Salom

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. Jemmen li l-appoġġ baġitarju jista' wkoll ikun mezz validu għall-promozzjoni tad-demokrazija u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għax

jgħin biex jissaħħu s-sistemi tal-amministrazzjoni pubblika u tal-verifika, kif ukoll jinkoraġġixxi l-parlamenti nazjonali u s-soċjetà ċivili jagħmlu skrutinju u monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-gvern,

Or. es

Emenda 11
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jenfasizza r-rwol ***tal-partiti*** politiċi u ***tal-movimenti demokratiċi*** għas-salvagwardja tal-pubbliku billi ***jservu ta' għassiesa biex tiżdied it-trasparenza*** u ***r-responsabbilizzazzjoni*** tal-gvernijiet,

Emenda

3. Jenfasizza r-rwol ***li jista' jkollhom il-partiti*** politiċi ***demokratiċi leġittmi*** u ***l-movimenti soċjali ġenwini*** għas-salvagwardja tal-pubbliku billi ***tissorvelja t-trasparenza*** u ***r-responsabbilizzazzjoni*** tal-gvernijiet, ***li tagħti lok lill-istati li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u jippromwovu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku,***

Or. en

Emenda 12
Gabriele Zimmer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jenfasizza r-rwol tal-partiti politiċi ***u tal-movimenti*** demokratiċi għas-salvagwardja tal-pubbliku billi jservu ta' għassiesa biex tiżdied it-trasparenza u ***r-responsabbilizzazzjoni*** tal-gvernijiet,

Emenda

3. Jenfasizza r-rwol tal-partiti politiċi demokratiċi, ***il-movimenti soċjali u l-istampa ħielsa*** demokratiċi għas-salvagwardja tal-pubbliku billi jservu ta' għassiesa biex tiżdied it-trasparenza u ***r-responsabbilizzazzjoni*** tal-gvernijiet,

Emenda 13
Gay Mitchell

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

Jinsisti fuq kriterji ta' eleġibilità stretti għall-appoġġ baġitarju; jinsisti li l-Kummissjoni m'għandhiex tuża din il-modalità f'pajjiżi fejn ma tistax tiġi żgurata t-trasparenza fl-infiq pubbliku, u jinsisti li l-appoġġ baġitarju jrid ukoll ikun akkumpanjat minn azzjonijiet li jiżviluppaw il-kontroll parlamentari u l-kapaċitajiet tal-verifika tal-pajjiż li jirċevih, u biex jiżdiedu t-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, u li s-soċjetà ċivili għandha tkun involuta f'dan il-monitoraġġ,

Emenda 14
Judith Sargentini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Iqis li sistema ġuridika u midja li jkunnu indipendenti huma essenzjali fit-tiswir u r-regolamentazzjoni tal-proċess demokratiku bl-għan li jissaħħaħ l-istat tad-dritt, fil-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi inkluż parlament li jiffunzjona, fir-rappreżentanza tal-pluraliżmu politiku, u fit-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili,

Emenda 15
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. *Jinkoraġixxi lid-donaturi tal-ġhajjnuna biex jitrattaw il-bini tad-demokrazija bħala proċess politiku u etiku, aktar milli eżerċizzju tekniku,*

Emenda

4. *Hu tal-fehma li sistema tal-edukazzjoni bażika ta' kwalità għolja biss tista' twitti t-triq għall-iżvilupp ta' demokrazija ġenwina u għandha tkun għan ewlieni ta' kwalunkwe politika tal-iżvilupp,*

Or. fr

Emenda 16
Emma McClarkin, Alf Svensson

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jinkoraġixxi lid-donaturi tal-ġhajjnuna biex jitrattaw il-bini tad-demokrazija bħala *proċess* politiku *u etiku*, aktar milli eżerċizzju tekniku,

Emenda

4. Jinkoraġixxi lid-donaturi tal-ġhajjnuna biex jitrattaw il-bini tad-demokrazija bħala *imperattiv* politiku u *morali*, aktar milli *sempliċiment* eżerċizzju tekniku,

Or. en

Emenda 17
Nirj Deva

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jinkoraġixxi lid-donaturi tal-ġhajjnuna biex jitrattaw il-bini tad-demokrazija bħala

Emenda

4. Jinkoraġixxi lid-donaturi tal-ġhajjnuna biex jitrattaw il-bini tad-demokrazija bħala

proċess politiku u etiku, aktar milli eżerċizzju tekniku,

proċess politiku u etiku, aktar milli eżerċizzju tekniku, *u biex jiżviluppaw l-għarfien lokali tagħhom tal-pajjiżi riċevituri biex l-ghajjnuna tkun tista' tingħata b'mod effettiv li jkun jagħmel sens fil-kuntesti lokali,*

Or. en

Emenda 18
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. Jagħraf ir-rwol importanti tan-nisa fid-demokratizzazzjoni b'mod partikolari fiż-żminijiet riċenti; jistieden lill-Istati Membri u lill-UE, b'kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali usa', biex jappoġġaw lin-nisa fil-ġlieda tagħhom għad-drittijiet indaqs, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-empowerment;

Or. en

Emenda 19
Cristian Dan Preda

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5. Jistieden lill-UE ssostni l-impenji tagħha ta' għajjnuna fuq tul taż-żmien biex trawwem l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha tas-soċjetà,

5. Jistieden lill-UE ssostni l-impenji tagħha ta' għajjnuna fuq tul taż-żmien biex trawwem l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha tas-soċjetà; *jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jitjiebu l-kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili u li tkun promossa l-parteċipazzjoni fil-proċessi politiċi, kif ukoll li jissaħħu l-*

istituzzjonijiet ta' sorveljanza bħall-parlamenti nazzjonali;

Or. en

Emenda 20
Corina Crețu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. Jinnota li l-empowerment tal-individwi u tas-soċjeta ċivili, fosthom permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-qawmien ta' kuxjenza u li jingħata lok effettiv għad-difiża effettiva għad-drittijiet kollha huma essenzjali għall-promozzjoni tad-demokrazija,

Or. en

Emenda 21
Charles Goerens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. Jenfasizza li l-proċess ta' demokratizzazzjoni jitlob li jkun hemm sħubija aktar b'saħħitha bejn is-settur pubbliku, is-settur privat u l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,

Or. fr

Emenda 22
Nirj Deva

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jistieden lill-UE tagħti prijorità lil djalogu profund dwar il-valuri u n-normi demokratiċi ma' atturi involuti fil-proċessi kollha tat-tiżiħ tad-demokratizzazzjoni; jenfasizza li l-bini u t-tiżiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi **itejjeb l-iżvilupp** ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar,

Emenda

6. Jistieden lill-UE tagħti prijorità lil djalogu profund dwar il-valuri u n-normi demokratiċi ma' atturi involuti fil-proċessi kollha tat-tiżiħ tad-demokratizzazzjoni; jenfasizza li l-bini u t-tiżiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi **joħloq l-istabilità meħtieġa għall-iżvilupp** ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar,

Or. en

Emenda 23
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jistieden lill-UE tagħti prijorità lil djalogu profund dwar il-valuri u n-normi demokratiċi ma' atturi involuti fil-proċessi kollha tat-tiżiħ tad-demokratizzazzjoni; jenfasizza li l-bini u t-tiżiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi **itejjeb l-iżvilupp** ekonomiku u **t-tnaqqis tal-faqar**,

Emenda

6. Jistieden lill-UE tagħti prijorità lil djalogu profund dwar il-valuri u n-normi demokratiċi ma' atturi involuti fil-proċessi kollha tat-tiżiħ tad-demokratizzazzjoni; jenfasizza li l-bini u t-tiżiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi **jistgħu jgħinu sabiex jitjieb l-iżvilupp** ekonomiku u **jonqos il-faqar**,

Or. en

Emenda 24
Cristian Dan Preda

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. **Jistieden** lill-Kummissjoni tinkludi

Emenda

7. **Jenfasizza l-importanza tal-analiżi tal-**

taqsima dwar il-qagħda tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fid-Dokumenti ta' Strateġija Nazzjonali u d-Dokumenti ta' Strateġija Reġjonali, u ttiprovdi data aktar dettaljata dwar l-impatt ta' inizjattivi li jappoġġaw id-demokrazija,

qagħda lokali tad-drittijiet tal-bniedem li għandha sservi tal-bażi għall-interventi kollha għall-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi taqsima dwar il-qagħda tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fid-Dokumenti ta' Strateġija Nazzjonali u d-Dokumenti ta' Strateġija Reġjonali, u ttiprovdi data aktar dettaljata dwar l-impatt ta' inizjattivi li jappoġġaw id-demokrazija,

Or. en

Emenda 25
Enrique Guerrero Salom

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jilqa' l-ħolqien ta' Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fi ħdan l-SEAE, u jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi-President tal-Kummissjoni jiżgura li r-rappreżentanzi barranin tal-UE jkollhom persuna ta' kuntatt għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija,

Or. es

Emenda 26
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8. Jappella għal appoġġ immirat lejn il-movimenti soċjali, il-midja indipendenti u l-partiti politiċi li qed jaħdmu għad-demokrazija fi stati awtoritarji u

8. Jappella għal appoġġ immirat lejn il-movimenti soċjali ***mhux estremisti***, il-midja ***ġenwinament*** indipendenti u l-partiti politiċi li qed jaħdmu għad-demokrazija fi

demokraziji ġodda għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, appoġġ għal sistema sostenibbli b'diversi partiti, u titjib tad-drittijiet tal-bniedem.

stati awtoritarji u demokraziji ġodda għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, appoġġ għal sistema sostenibbli b'diversi partiti, u titjib tad-drittijiet tal-bniedem.

Or. en

Emenda 27
Gabriele Zimmer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Jappella għal appoġġ immirat **lejn** il-movimenti soċjali, il-midja indipendenti u l-partiti politiċi li qed jaħdmu għad-demokrazija fi stati awtoritarji u demokraziji ġodda għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, appoġġ għal sistema sostenibbli b'diversi partiti, u titjib tad-drittijiet tal-bniedem.

Emenda

8. Jappella għal appoġġ immirat **u mqassam b'mod indaqs bejn** il-movimenti soċjali, il-midja indipendenti u l-partiti politiċi li qed jaħdmu għad-demokrazija fi stati awtoritarji u demokraziji ġodda għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, appoġġ għal sistema sostenibbli b'diversi partiti, u titjib tad-drittijiet tal-bniedem.

Or. en

Emenda 28
Enrique Guerrero Salom

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Jappella għal appoġġ immirat lejn il-movimenti soċjali, il-midja indipendenti u l-partiti politiċi li qed jaħdmu għad-demokrazija fi stati awtoritarji u demokraziji ġodda għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, appoġġ għal sistema sostenibbli b'diversi partiti, u titjib tad-drittijiet tal-bniedem.

Emenda

8. Jappella għal appoġġ immirat lejn il-movimenti soċjali, il-midja indipendenti u l-partiti politiċi li qed jaħdmu għad-demokrazija fi stati awtoritarji u demokraziji ġodda għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, appoġġ għal sistema sostenibbli b'diversi partiti, u titjib tad-drittijiet tal-bniedem. **Hu tal-fehma li**

l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem għandu jkollu rwol ewlieni f'dan ir-rigward.

Or. es

Emenda 29
Corina Crețu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. Jenfasizza li l-ħila tas-soċjetà ċivili li tippromwovi sistema ġuridika imparzjali għandha rwol fundamentali biex il-gvernijiet jinżammu responsabbli

Or. en

Emenda 30
Gabriele Zimmer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8 – subparagrafu 1 (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

jenfasizza li għal demokrazija attiva u li tiffunzjona, dan l-appoġġ għandu jintefaq u jitqassam b'mod indaqz fost l-atturi kruċjali kollha, u ma għandux jintuża għal interessi politiċi partikolari u interessi strateġiċi tal-UE iżda biex jagħti lok għal demokratizzazzjoni u żvilupp endoġeni u sovrana.

Or. en